**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 41 – IT-TNEJN 4 TA' ĠUNJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-LAQGĦA NUMRU 40

1.1 Il-minuti numru 40 inqraw u wara dawn ġew approvati żewġ voti favur - Sindku, Dr Ian Castaldi Paris u l-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u astenzjoni waħda ta' Dr. Marc Sant.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi u sekondata mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris.

## 2. DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U RAPPORT TAL-AWDITUR

2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew ir-rapport tal-Awditur għas-sena finanazjarja 2011.

2.2 l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono għamel spjegazzjoni fuq kull punt li hemm f'dan ir-rapport u wieġeb għad-domandi tal-Kunsilliera.

2.3 Wara li l-Kunsilliera analizzaw ir-risposti tal-accountant, il-Kunsill approva unanimament biex dawn jintbagħtu lill-Awditur Generali bħala risposta għar-rapport tal-Awditur.

## 3. OFFERTI ĠBIR TA' SKART GOFF U ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar, poġġa quddiem il-Kunsill tabella dettaljata ta' dawk il-kuntratturi li poġġew l-offerta biex jagħmlu dan ix-xogħol. [Kopja annessa]

3.2 Wara li ġew verifikati dawn d-dokumenti, il-Kunsilliera bdew janalizzaw l-ammonti ta' kull kuntrattur.

3.3 Għar-raġuni li kien jinħtieġ aktar verikifazzjoni ta' dawn id-dokumenti, il-Kunsilliera unanimament qablu biex dan is-suġġet jitkompla jiġi diskuss f'laqgħa oħra ta' kontinwazzjoni li għandha tinżamm nhar il-Ħamis 14 ta' Ġunju 2012, biex tkun tista' titieħed deċizjoni finali dwar dawn l-offerti.

## 4. PYRO FOR WOMEN

4.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mis-Sur Massimo Scerri, il-Kunsill approva unanimament biex il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, li hija rappreżentanta f'dan il-programm, tikkonferma li l-Kumitat tal-Women and Pyrotechnik li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija huwa lest biex jipparteċipa f'dan il-programm.

## 5. ANTENNA – TRIQ PREZIOSI, ĦAL LIJA

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar l-aħħar laqgħa fil-Qorti dwar il-każ tal-Antenna f'din it-Triq.

5.2 Waqt din il-laqgħa, il-qorti appuntat lil Perit Valerio Schembri, biex dan jagħmel perizja fl-inħawi ta' Triq Preziosi, fejn hemm l-antenna.

5.3 Is-Segretarju, is-Sur Alfred Buhagiar, ġibed l-attenzjoni dwar l-ispejjeż biex isir dan ix-xogħol mill-Perit Schembri, li skont il-Qorti dawn għandhom jitħallsu mill-Kunsill sakemm tkun deċiża l-kawża.

5.4 L-ammont ta' dawn l-ispejjez mhux possibli li jkun stabbilit qabel tinqata' s-sentenza.

## 6. KONTIJIET TAL-ARMS LTD.

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar il-problema li kien hemm fuq il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma fil-kamra tac-Centru Rekreattiv, li kienet tintuza minn Lija Athletics Football Club.

6.2 Wara l-oġġezzjoni dwar il-kontijiet pendenti, il-Kunsill ġie infurmat uffiċjalment li dawn il-kontijiet ġew ikkoreġuti u l-bilanċ favur il-Kunsill għandu jkun transferit fuq kontijiet oħra li jaqgħu taħt il-Kunsill.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa giet aġġornata biex titkompla nhar l-14 ta' Gunju 2012.

Il-laqgħa ntemmet fis-7 :00 p.m..

Dr Ian Castaldi Paris
Is-Sindku

Alfred Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv